MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2010

Avviz Numru. 22/2007

**Chris Gerada u Mario Difesa fil-kwalità taghhom ta' President u Segretarju rispettivament tal-White Taxi Association**

**Vs**

**Josef Bonnici**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mill-atturi fil-kapacità taghhom ta' President u Segretarju tal-White Taxi Association, permezz ta' liema jitolbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallashom is-somma ta' elfejn mitejn u disgha u hamsin Liri Maltin (Lm2,259), illum ekwivalenti ghal hamest elef mitejn tnejn u sittin Euro u hames centezmi (€5,262.05), rapprezentanti somma ta' flus li hu misapproprja minghand il-White Taxi Association fi zmien meta kien jahdem ghall-istess Association u kien inkarigat biex jigbor flus minghand il-klijenti in skambju ta' *coupons* li l-istess klijenti kienu jipprezentaw lix-xufiera tal-*white*

*taxis* sabiex dawn jittiehdu fuq il-vjagg li kienu hallsu ghalih; bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali, u l-imghax skond il-Ligi, kontra l-konvenut;

Rat ir-Risposta tal-konvenut permezz ta' liema jeccepixxi li: (i) preliminarjament l-azzjoni attrici hi preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2156 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; u li (ii) subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess ma ghandu jaghti xejn lill-atturi ghaliex kull haga li huwa kellu fil-passat kien raddha lura skond struzzjonijiet li kellu;

Semghet ix-xhieda ta' Louis Sammut[1] u rat id-dokumenti minnu esebiti bhala Dok. "LS1", Dok. "LS2" u Dok. "LS3" a fol. 14 sa' 40 tal-process, rat id-dokument Dok. "AC1" u Dok. "AC2"esebiti mill-atturi nomine a fol.42 sa' 44 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Alfred Pace[2], rat id-dokument, ossia sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Joseph Bonnici" deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-24 ta' Novembru 2008, esebita mill-konvenut a fol 56 sa' 59 tal-process; semghet ix-xhieda tal-konvenut Josef Bonnici[3] u rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija minn Rosario Sammut u Alfred Pace fil-proceduri kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Joseph Bonnici" esebiti mill-konvenut a fol. 65 sa' 75 tal-process;

Rat illi fuq talba tal-konvenut, milqugha minn din il-Qorti fl-4 ta' Frar 2010, il-kawza thalliet ghas-sentenza preliminari fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2156 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha tal-kawza u rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-konvenut u n-Nota Responsiva ta' l-atturi nomine.

**Ikkunsidrat:**

Il-konvenut jilqa' ghat-talba attrici *inter alia* bl-eccezzjoni tal-preskrizzjoni bid-dekors ta' hames snin a tenur ta' l-Artikolu 2156 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta. F'din is-

[1] Seduta tal-15 ta' Ottubru 2007, fol. 11 sa' 13 tal-process.
[2] Seduta tal-5 ta' Novembru 2007, fol. 46 sa' 48 tal-process.
[3] Seduta tas-7 ta' Mejju 2007, fol. 61 sa' 63 u seduta ta' l-10 ta' Dicembru 2009, fol. 84 sa' 85 tal-process.

sentenza qed tigi trattata proprio din l-eccezzjoni u fiha ser jigi deciz jekk tali eccezzjoni hijiex gustifikata o meno.

Il-konvenut jikkontendi li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata minnu ghandha tigi kkunsidrata u konsegwentement milqugha minn din il-Qorti ghaliex (a) fil-kaz in ezami ma japplikax dak dispost fl-Artikolu 2154 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta, u senjatament dak dispost fis-subinciz (2) ta’ dan l-Artikolu; u ghaliex (b) jirrizulta id-dekors ta’ hames snin u izjed.

Ir-raguni ghalfejn il-konvenut jaghmel referenza specifika ghall-Artikolu 2154 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta hija evidenti u tirrizulta mill-kawzali fuq liema hija impustata l-azzjoni odjerna istitwita kontra tieghu.

L-atturi nomine istitwew dawn il-proceduri fil-konfront tal-konvenut ghall-fini li jottjenu l-hlas ta’ flus allegatament misaproprjati mill-istess konvenut minghand il-White Taxi Association fiz-zmien meta kien impjegat ma’ din l-Association. Huwa evidenti li l-azzjoni attrici hija azzjoni ghall-hlas ta’ dannu derivanti minn reat kriminali u ai termini tal-Ligi, f’tali tip ta’ azzjoni ghall-finijiet ta’ preskrizzjoni japplika dak dispost fl-Artikolu 2154 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta li, fis-subinciz (2) jipprovdi ulterjorment illi *kull min jisraq haga, jew isir pussessur taghha bil-mezz ta’ reat ta’ frodi*, dak li bih qed jigi mixli l-konvenut mill-atturi nomine*, jew xjentement jircievi jew jixtri dik il-haga, meta jaf li kienet misruqa jew akkwistata bi frodi, ma’ jista’ jippreskriviha qatt, ighaddi kemm ighaddi zmien.*

Kif già nghad il-konvenut jikkontendi li l-Artikolu 2154 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta ma japplikax ghall-kaz in ezami u dana billi b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fl-ismijiet “Il-Pulizija v. Joseph Bonnici” deciza fl-24 ta’ Novembru 2008, kien gie liberat mill-akkuza ta’ approprjazzjoni bla jedd bic-cirkostanzi aggravanti ai termini ta’ l-Artikoli 293 u 294 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Skond il-konvenut ladarba l-imputat ikun gie liberat minn Qorti ta’ gudikatura kriminali mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, azzjoni civili istitwita kontrih ma tistax ghall-finijiet ta’ preskrizzjoni tibqa’ titqies bhala abbinata ma’ reat u konsegwentement ghalhekk l-Artikolu 2154 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta ma japplikax. Minflok jistghu jigu sollevati termini preskrittivi estintivi ohra bhal fil-kaz in ezami, it-terminu kwinkwennali a tenur ta’ l-Artikolu 2156 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

In sostenn ta’ din il-pretensjoni l-konvenut jikkontendi ulterjorment li *l-kompetenza ta’ dina l-Onorabbli Qorti hija limitata ghall-materja Civili u ma ghandhiex la l-kompetenza li tiddeciedi dak li l-legislatur irriserva ghall-Qorti ta’ Gudikatura Kriminali u wisq anqas terga tiftah investigazzjoni ta’ natura kriminali meta dak l-aspett già gie deciz minn Qorti kompetenti u llum huwa in gudikat*[4]*.*

Fil-fehma tal-Qorti però il-pretensjoni tal-konvenut hija guridikament zbaljata u ma tistax tirnexxi billi kontra dak minnu pretiz l-Artikolu 2154 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta, u in partikolari dak dispost fis-subinciz (2) ta’ l-imsemmi artikolu tal-Ligi, japplika ghall-kaz odjern.

Huwa principju assodat illi l-ezami tal-preskrizzjoni ghandu jigi nkwadrat fil-qafas ta’ l-azzjoni intentata mill-attur[5]. Fis-sentenza fl-ismijiet “Alexander Gray Bannerman et v. John Camilleri et” deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fit-8 ta’ Gunju 1998, inghad: *huma l-premessi ta’ l-atturi fic-citazzjoni u t-talbiet taghhom li jiddeterminaw il-parametri ta’ l-azzjoni u li konsegwentement huma dawn illi jiddefinixxu u jiddeterminaw liema perijodu preskrittiv estintiv ta’ l-azzjoni kellu japplika.* Dan il-principju gie kkonfermat fis-sentenza fl-ismijiet “Joseph Bowan noe v. Emanuel Cachia et noe” deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fl-4 ta’ Dicembru 1998 fejn inghad illi *ghall-fini tad-*

4 Nota ta’ Sottomissjonijiet tal-konvenut, fol.94 tal-process.

5 Vide sentenza Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma v. Oil & Construction International Limited” Appell Civili 924/01 deciza mill-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fit-28 ta’ April 2004; Stencil Pave (Malta) Limited v. Dr. Maria Deguara et noe, Citaz. Nru. 1656/01, deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta’ Ottubru 2003; Peter Montebello v. Peter Montebello et, Citaz. Nru. 2713/99, deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta’ Settembru 2003.

*determinazzjoni ta' liema perijodu preskrittiv huwa applikabbli, wiehed ghandu jhares lejn in-natura ta' l-azzjoni esperita. It-termini preskrittivi invokati [bijennali u kwinkwennali] huma dawk inerenti ghall-preskrizzjonijiet estintivi ta' l-azzjoni u konsegwentement, hi dik l-azzjoni, kif arginata fil-parametri tal-premessi u t-talbiet taghha, li ghandha tiddetermina liema huwa l-perijodu preskrittiv applikabbli*[6].

Minn dawn il-principji guridici johrog car illi kontra dak pretiz mill-konvenut, indipendentement minn dak li gie deciz mill-Qorti ta' gudikatura kriminali dwar l-akkuza ta' approprjazzjoni bla jedd b'cirkostanzi aggravati migjuba fil-konfront tieghu, ghall-finijiet tal-kwistjoni ta' preskrizzjoni sollevata fil-proceduri odjerni hija n-natura tal-kawzali attrici u konsegwenti talba bbazata fuqha li ghandhom jigu ikkunsidrati.

Kif già iktar 'l fuq osservat, il-kawzali li fuqha hija bbazata l-azzjoni attrici hija ta' misapproprjazzjoni ta' flus da parte tal-konvenut a dannu tal-White Taxi Association, li taghha kien impjegat. Jerga' jigi ribadit illi l-azzjoni attrici hija intentata bhala azzjoni ghall-hlas ta' dannu derivanti minn reat u ghalhekk ma hemmx dubju li ghal skopijiet ta' preskrizzjoni l-artikolu applikabbli huwa l-Artikolu 2154 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-kaz in ezami, billi l-azzjoni attrici hija bbazata fuq pretiza misapproprjazzjoni ta' flus, japplika ulterjorment dak dispost fl-Artikolu 2154(2) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement il-konvenut huwa guridikament prekluz milli jissolleva kwalunkwe tip ta' preskrizzjoni in eccezzjoni ghat-talba attrici kif dedotta fil-konfront tieghu.

Ghaldaqstant b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 2154(2) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2156 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta sollevata mill-konvenut hija guridikament inammissibbli u b'hekk ghandha tigi michuda.

---

6 Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta, Volum LXXXII – ii – 1193.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut u tordna l-prosegwiment tal-kawza fil-meritu. L-ispejjez in konnessjoni ma' din is-sentenza preliminari u l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut huma a karigu ta' l-istess konvenut.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------